# BARTOLOMÈ ESTEBAN MURILLO (1618–82) *ESTILO VAPOROSO*

**Kitba ta' E.V. Borg**

L-espressjoni tiegħu tixhed li kien bniedem ġentili, ħalliem, delikat, sentimentali u emozzjonali. Ismu huwa sinonimu mas-suġġett ferm popolari fost l-Insara: id-devozzjoni lejn l-Immakulata Kunċizzjoni. L-istil matur tiegħu huwa karatterizzat minn figuri idealizzati; forom rotob, imdewwba; kuluri delikati u ħlewwa jew *dolcezza* ta' espressjoni u burdata. Baqa' imfaħħar l-iżjed għall-atmosfera ta' ħlewwa u ġentilezza tremenda. Din il-fama kienet tant stabbilita li ħafna jwarrbuh għas-sentimentaliżmu żejjed ta' devozzjoni reliġjuża popolari.

L-Ispanjoli jirreferu għalih bi frażi waħda: *estilo vaporoso*. Kien jesprimi ruħu b'*dolcezza* kbira, atmosfera ratba kważi mċajpra, mimlija sħab, anġli, "amorini" u dawl tal-ġenna. Is-sensazzjoni kienet waħda sentimentali, qaddisa, devota u reliġjuża. Huwa kien pittur ta' ħila tremenda, disinjatur (*draughtsman*) formidabbli, kulurista sentit u raffinat. Magħruf ukoll għall-kompożizzjoni formidabbli u bħala osservatur akut u metikoluż tad-dinja tat-tfal.



Kien mastru mill-aqwa u meqjus flimkien ma' Josè Ribera (1591–1652), Francisco Zurbaran (1598–1664) u Velazquez (1599–1660) bħala l-aqwa maestri Spanjoli. Huwa kien u għadu popolari barra pajjiżu. Murillo ħa post Zurbaran bħala l-artist ewlieni fil-belt ta' Sevilja – pożizzjoni li baqa' jgawdi sa kemm miet.

Huwa twieled, għex u miet Sevilja fl-Andalusija. Din ma kinetx xi belt provinċjali iżda waħda kbira u sinjura fis-sekli sittax u sbatax. Kienet rikka b'mod favoluż għax dak iż-żmien Spanja kienet Imperu setgħani. Ingacio Cano, id-direttur tal-*Museo de Bellas Artes* jiddeskrivi din il-belt bi ħrara u kapaċità poetika. L-arja taħt sema blu hija tqila bil-fwieħa eżotika taż-żgħar tal-larinġ. Fiha toroq dojoq bħal-labirint li jagħti għal pjazez dellija bis-siġar, kampnari fantastiċi, taħlita ta' kulturi waqt li tolqtok il-ġentilezza dħulija u l-ospitalità ġeneruża tal-poplu. Dawn l-elementi minsuġa flimkien joħolqu atmosfera leġġendarja u arja msaħħra. Mhux ta' b'xejn Murillo kien bniedem ħalliem! Huwa trabba u trawwem f'din l-atmosfera lirika, msaħħra.

L-ikbar patrun tiegħu kienet il-Knisja. L-opra tiegħu kienet essenzjalment reliġjuża u s-suġġett rikorrenti kien dak dwar l-Immakulata Kunċizzjoni. Fl-1476 il-kult ta' l-Immakulata Kunċizzjoni kien imseddaq mill-Inkwiżizzjoni. Il-Papa Sistu IV bierek u ddedika l-Kappella Sistina lill-Verġni Mingħajr Tebgħa fl-1483. Wara, il-Konċilju ta' Trentu l-ixprun tal-Kontra-Riforma, għamel il-kult ta' l-Immakulata parti integrali mit-tagħlim u d-duttrina tal-Knisja. Murillo sfrutta b'ħiltu kollha dan il-kult u nistgħu ngħidu li x-xbieha li pitter ta' l-Immakulata saret il-propaganda tal-Knisja Kattolika.

Forsi waħda mill-aqwa eżempji ta' l-Immakulata Kunċizzjoni li pinġa Murillo hija dik li ħadem fl-1678 u li nsibuha fi Prado fi Spanja, (*ritratt*) Din hija msejħa *Soult* għall-Marixxal Franċiż li ħadha miegħu Pariġi fl-1813. Meta miet Soult, il-mużew ta' Louvre akkwistah minn irkant fl-1852. Il-Franċiżi rritornawha lil Prado fl-1941. Murillo kien ħadem dan il-kwadru għall-ħabib tiegħu Justino de Neve li qiegħda fil-knisja ta' l-*Hospital de Venerables* ta' Sevilja. Dan il-kwadru tant popolari jitqies prototip u eżemplari ta' xogħol Murillo.

Diffiċli tgħid li xogħol Murillo ma fihx sentiment, li mhux sentimentali u li xi kultant ma fihx doża qawwija ta' sentimentaliżmu reliġjuż u devozzjoni popolari. Veru diffiċli! Iżda l-kobor ta' dan il-mastru huwa qajla kkontestat.

**Riferenzi:**

Johnston, Moira (ed.) (2002) *The Prado, London, Scala Publishers Ltd., (ISBN 1-857-59208-5). Pp 31-32; 68-72) Revised by Juan J. Luna, 1998).*

Ferren, Andrew *"The Glories of the Baroque" In Collections, International Art & Culture Magazine, (2004), Vol. 9, No.1, London, BH Publishing Ltd, Pp 55-59 (Interview with Ignacio Cano, director of the Museo de Bellas Artes, Seville).*